# leħni

KIF TISTA' TINSISTI GĦAL ĦARSIEN AĦJAR
TAS-SAĦĦA UMANA U TA' L-AMBJENT
MINN SUSTANZI KIMIĊI PERIKOLUŻI



**REAZZJONI KIMIKA**

BIDU ĠDID GĦALL-KONTROLL TAS-SUSTANZI KIMIĊI IMĦASSEB FUQ IL-KIMIĊI PERIKOLUŻI FL-AMBJENT, U KIF DAWN JISTGĦU JKUNU QED JOLQTU LIL SAĦĦTEK? TAF LI DAĦLET FIS-SEĦĦ LIĠI ĠDIDA TA' L-UE FUQ KIF IKUNU RREGOLATI S-SUSTANZI KIMIĊI? DIN IL-LIĠI, MAGĦRUFA BĦALA REACH[1] , ĦADET KWAŻI DISA' SNIN BIEX TIĠI ŻVILUPPATA U ĦOLQOT "L-IKTAR BATTALJA FEROĊI TA' LLOBBJAR FL-ISTORJA TA' L-UE" B'MOD PARTIKOLARI BEJN L-INDUSTRIJA KIMIKA U L-GRUPPI LI JIRRAPPREŻENTAW L-INTERESSI TAS-SAĦĦA U TA' L-AMBJENT. MATUL L-IŻVILUPP TA' REACH, ĦAFNA NIES, AKTARX INTI WKOLL, IKKUNTATTJAW LILL-GVERNIJIET U LIR-RAPPREŻENTANTI TAGĦHOM FL-UE B'TALBA GĦALL-ĦARSIEN AĦJAR TAS-SAĦĦA UMANA U TA' L-AMBJENT MILL-IMPATTI NEGATTIVI TAS-SUSTANZI KIMIĊI PERIKOLUŻI[2].

1 | Ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tas-sustanzi Kimiċi (REACH), daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2007.

2 | Ħafna nies kitbu lill-Membri nazzjonali tagħhom tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea permezz tas-sit 'Chemical Reaction' (proġett imwaqqaf mit-Taqsima Ambjentali Ewropea, il-Friends of the Earth Europe flimkien mal-Greenpeace, www.chemicalreaction.org) jew ħadu azzjoni fil-kampanja DETOX tal-WWF (www.panda.org/eu).

l-istampa tal-qoxra: © Anastasia Roniotes
l-istampi iżgħar: © Franz Pfluegl | © Dreamstime | © AdamBorkowski | © Darryl Sleath

Minkejja l-problemi, il-verżjoni finali ta' REACH jirnexxielha tieħu l-ewwel passi lejn attitudni ġdida lejn ir-regolament tas-sustanzi kimiċi – waħda li titfa' l-piż tal-prova fuq il-produttur biex juru li s-sustanzi kimiċi tagħhom m'humiex perikolużi, li tħalli lill-pubbliku jitlob informazzjoni fuq l-użu ta' xi sustanzi perikolużi fil-prodotti u li tgħin biex xi sustanzi kimiċi mill-aktar perikolużi jkunu sostitwiti meta jkun hemm alternattivi aħjar.

REACH għandha wkoll ħafna nuqqasijiet u inċertezzi legali, minħabba l-illobbjar ta' l-industrija kimika. Imma xorta waħda nistgħu ninfluwenzaw l-implimentazzjoni ta' REACH biex nibdluha għall-aħjar matul is-snin li ġejjin. Nistgħu nużaw ukoll id- kondizzjonijiet ġodda li tagħtina, u ninkoraġġixxu l-kumpaniji biex ikunu aktar proattivi u jneħħu s-sustanzi kimiċi perikolużi kull meta jkun possibbli.










# tessuti



## RITARDANTI TA’ FJAMMI BROMINATI (BROMINATED FLAME RETARDANTS - BFRS)

użati fil-materjal ta’ l-għamara (eż. sufanijiet) u tal-plastik (eż. fil-kompjuters u l-mowbajls) biex in-nirien idumu ma jinfirxu. L-aktar BFRs komuni li jintużaw huma persistenti u jakkumulaw fil-katina ta’ l-ikel, u nstab li uħud jaffettwaw is-sistema ta’ l-ormoni. L-espożizzjoni għall-PBDEs (polybrominated diphenyl ether) fil-ġuf ġiet assoċjata ma’ żvilupp mhux normali ta’ l-iskeletru u tal-moħħ fl-annimali.

l-istampa ewlenija: © Yang Yu
l-istampi iżgħar: © Yanik Chauvin | © Nick Stubbs

## X'INHI L-PROBLEMA?

Qed jiżdied it-tħassib pubbliku dwar l-effetti tas-sustanzi kimiċi fuq is-saħħa u l-ambjent. Is-sustanzi kimiċi magħmula mill-bniedem m'humiex biss problema fl-ambjent wiesa', imma spiss huma iktar qrib tagħna, fid-dar, fl-oġġetti ta' kuljum tal-konsumaturi bħall-fwejjaħ ta' l-arja, il-prodotti tal-kura u l-indafa personali, u anke f'oġġetti li jkunu jidhru li inqas fihom sustanzi perikolużi, bħall-għamara, il-prodotti elettroniċi, l-għodod tal-kċina, il-ħwejjeġ u l-ġugarelli.

Ħafna minn dawn is-sustanzi kimiċi jinfirxu fl-ambjent u jakkumulaw fil-ħlejjaq bħall-bumerini u l-orsijiet polari – u f'ġisimna. Numru dejjem jiżdied tagħhom qed ikun assoċjat ma' problemi fis-saħħa bħal allerġiji, fertilità baxxa, effetti fuq l-iżvilupp tat-tfal, ħsara fl-istruttura ġenetika tagħna u kanċer. Kollha kemm aħna ninsabu esposti, imma t-trabi fil-ġuf u t-tfal żgħar huma l-aktar vulnerabbli għal dawn is-sustanzi kimiċi li jgħaddulhom mill-ġisem ta' l-omm jew mill-espożizzjoni tagħhom għall-arja, it-trab u l-ikel.

L-aktar sustanzi perikolużi, permezz tar-REACH, se jkunu magħrufa bħala 'sustanzi ta' tħassib kbir*. L-Unjoni Ewropea ser toħloq lista speċifika ta' dawn is-sustanzi mhux mixtieqa li ser tobbliga lill-importaturi, il-produtturi u l-utenti downstream biex ifittxu awtorizzazzjoni speċjali jekk ikunu jixtiequ jibqgħu jużawhom. L-awtorizzazzjoni tista' tkun miċħuda, għax REACH tinkludi fiha kondizzjoni li tista' ġġiegħel lill-kumpaniji biex jissostitwixxu uħud mis-sustanzi perikolużi ma' alternattivi oħra inqas perikolużi meta dan ikun possibbli.



IL-LISTA TA' "SUSTANZI LI JĦASSBU SERJAMENT" GĦANDHA TKUN MAGĦMULA MILL-AĠENZIJA L-ĠDIDA TAS-SUSTANZI KIMIĊI EWROPEJ MAĦLUQA F'ĦELSINKI. UĦUD MIS-SUSTANZI KIMIĊI LI JĦASSBU LILL-GĦAQDIET TA' L-AMBJENT, TAS-SAĦĦA U TAL-KONSUMATUR HUMA MURIJA F'DIN IL-GWIDA.

* Dawn huma sustanzi li jaqgħu f'waħda minn dawn il-klassifikazzjonijiet/kategoriji:

- jikkawżaw il-kanċer, iħassru l-istruttura ġenetika jew huma tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR),
- huma persistenti, jakkumulaw fil-katina ta' l-ikel (bijo-akkumulattivi) u huma tossiċi (PBT)
- huma persistenti ħafna u akkumulattivi ħafna fil-katina ta' l-ikel (vPvB), jew
- kienu identifikati bi provi xjentifiċi ta' probabbiltà ta' effetti serji fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent ekwivalenti għal dawk imniżżla hawn fuq, fuq bażi ta' każ b'każ, inklużi s-sustanzi li jfixklu s-sistema ta' l-ormoni.

Din hi bidla importanti fil-politika tas-sustanzi kimiċi: qed ikun rikonoxxut li ċerti kategoriji ta' sustanzi kimiċi huma problematiċi ħafna tant li jistgħu jkunu użati biss wara li tinkiseb liċenzja speċjali.




## MUSKS SINTETIĊI

huma użati biex isiru taħlitiet ta' fwejjaħ għall-prodotti kożmetiċi bħas-sapun, xampù u fwieħa, kif ukoll għad-deterġenti, conditioners għall-ħwejjeġ, prodotti tat-tindif, fwejjaħ ta' l-arja u prodotti oħra tad-dar. L-aktar musks poliċikliċi komuni li jintużaw huma sustanzi kimiċi persistenti li jakkumulaw fil-katina ta' l-ikel; u jistgħu jkunu kapaċi jinterferixxu fis-sistemi ta' l-ormoni tal-ħut, ta' l-amfibji u tal-mammiferi.

l-istampa ewlenija: © Diego Cervo
l-istampi iżgħar: © Brownm39 | © Natalia Siverina

## INTAFFU N-NUQQASIJIET TAL-LIĠI L-ĠDIDA

REACH għad għandha ħafna nuqqasijiet. Xi sustanzi kimiċi perikolużi xorta se jibqgħu jkunu jistgħu jintużaw – anke jekk jeżistu alternattivi inqas perikolużi; dawn jistgħu jinkludu saħansitra sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema ta' l-ormoni u sustanzi li jġibu l-kanċer, iħassru l-istruttura ġenetika u joħolqu problemi riproduttivi.

Il-manifatturi jew l-importaturi kollha tas-sustanzi kimiċi suġġetti għal REACH se jkollhom jirreġistraw is-sustanza kimika u jipprovdu tagħrif fuqha bi provi minn testijiet tas-saħħa u s-sigurtà. Il-livell ta' informazzjoni mitlub, ġeneralment ikun għall-produzzjoni ta' sena tas-sustanza. Madankollu, l-informazzjoni għas-sigurtà li se jkollhom jagħtu l-kumpaniji għas-sustanzi kimiċi negozjati fi kwantitajiet ta' bejn tunnellata u 10 tunnellati fis-sena hi limitata ħafna, u ma teżistix għall-kwantitajiet ta' inqas minn tunnellata fis-sena; il-kumpaniji jistgħu ma jkunux ordnati jeżaminaw ir-riskju li jġibu magħhom dawn is-sustanzi kimiċi, u xorta waħda, ma jkunux jistgħu jiggarantixxu s-sigurtà tagħhom b'din l-informazzjoni waħedha.

REACH s'issa għadha mhix stabbilita. Għad hemm opportunitajiet għat-titjib tagħha matul il-ftit snin li ġejjin, speċjalment meta ċerti elementi jkunu eżaminati mill-ġdid. Ngħidu bħala eżempju, fl-2013 l-UE se jkollha tiddeċiedi jekk is-sustanzi li jinterferixxu fis-sistema ta' l-ormoni għandhomx ikunu dejjem mibdula meta jkunu jeżistu alternattivi oħra għalihom. Opportunitajiet oħra jinkludu l-evalwazzjoni mill-ġdid ta' l-informazzjoni tas-sigurtà li għandhom jipprovdu l-kumpaniji, fuq jekk il-konsumaturi humiex intitolati għal aktar tagħrif dwar aktar sustanzi perikolużi, u fuq jekk għandhomx jiżdiedu jew jitħassru xi sustanzi kimiċi mir-regolament. Tista' taċċerta ruħek li l-gruppi ambjentali, tas-saħħa u tal-konsumatur se jibqgħu jistinkaw u se jsejħulek għall-għajnuna f'dawn il-waqtiet kruċjali futuri.

TWISSIJA! DAWN L-OPPORTUNITAJIET GĦAT-TITJIB TA' REACH JISTGĦU JKUNU SFRUTTATI WKOLL MILL-INDUSTRIJA KIMIKA LI TISTA' DDGĦAJJIFHOM AKTAR.



# plastiċizzaturi

## PHTHALATES

huma użati ħafna bħala rattaba f'ħafna prodotti tal-plastik PVC, inklużi l-ġugarelli; bħala solventi u sustanzi fissattivi fil-prodotti kożmetiċi u tal-kura personali; u bħala snaturant alkoħoliku fil-fwieħa. Huma kontaminanti u jinfirxu ħafna fl-ambjent globali; uħud minnhom huma magħrufa għat-tossiċità tagħhom fis-sistema riproduttiva u li jnaqqsu l-fertilità fl-annimali, li jħallu impatt fuq l-iżvilupp, u li jfixklu s-sistema ta' l-ormoni.

l-istampa ewlenija: © JynMeyer
l-istampi iżgħar: © Socrates | © Hungmeng Tan | © Dreamstime

## NUŻAW IL-LIĠI L-ĠDIDA

Waħda mid-dispożizzjonijiet ewlenin ta' REACH hi li l-kumpaniji huma mitluba bil-liġi biex iwieġbu għat-talbiet tal-klijenti fuq jekk ċertu prodott tal-konsumatur għandux 'sustanza li tħasseb serjament'. Ladarba l-UE tippubblika l-ewwel lista tagħha ta' 'sustanzi li jħassbu serjament' (proċess li se jkun beda sa Ġunju ta' l-2009), kull min ikun se jixtri oġġett mis-suq ta' l-UE jkun jista' jikkuntattja lill-bejjiegħa bl-imnut jew lill-manifatturi tal-marka u jitlob tagħrif dwar il-preżenza tas-sustanzi riskjużi elenkati fl-oġġetti għall-konsumaturi.

Data.

Għażiż/a Sinjur/a,

Għall-fini tar-regolament Ewropew il-ġdid fuq is-Sustanzi Kimiċi, REACH, qed niktiblek biex nitolbok tinfurmani fuq il-preżenza ta' xi sustanza mil-lista ta' "sustanzi li jħassbu serjament", kif speċifikata f'REACH, fil-prodott XX jew fl-ippakkjar tiegħu.

Fil-każ li xi sustanza/i tkun/jkunu preżenti fil-prodott XX jew fl-ippakkjar tiegħu, nixtieqek li tgħarrafni bl-isem ta' din is-sustanza.

Inkun grat li nirċievi dan it-tagħrif fi żmien 45 jum, kif mitlub f'REACH.

Inkun grat ukoll jekk tgħarrafni bil-passi li qed tieħdu biex tipprovdu prodotti maħsuba għall-istess użu imma li m'għandhomx sustanzi kimiċi potenzjalment perikolużi.

Dejjem tiegħek,

KAMPJUN TA' ITTRA GĦALL-KONSUMATUR BIEX JITLOB TAGĦRIF DWAR IS-SUSTANZI F'XI OĠĠETT



cc: L-Aġenzija Ewropea tas-Sustanzi Kimiċi – Ħelsinki

Annankatu 18, 00120 Ħelsinki, il-Finlandja

www.echa.europa.eu

L-għaqda nazzjonali tiegħek tal-konsumatur jew ta' l-ambjent

Bir-raġun, int m'għandekx għalfejn tistenna sa l-2009 biex tagħmel pressjoni fuq il-kumpaniji. Bejjiegħa bl-imnut u manifatturi tal-marka responsabbli għandhom jagħtuk tagħrif fuq is-sustanzi perikolużi li jużaw, irrispettivament minn REACH. Fil-fatt, ħafna kumpaniji diġà qed jibdlu s-sustanzi perikolużi tagħhom ma' alternattivi aktar siguri, qabel REACH, bħala tweġiba għat-tħassib tal-konsumatur[3]. Il-pressjoni pubblika taħdem, spiss aktar mir-regolamentazzjoni, u għalkemm s'issa diġà ntlaħaq qbil fuq REACH, xorta waħda hemm bżonn li l-kumpaniji jsiru jafu li n-nies iridu prodotti siguri issa.

Bħala konsumatur tista' tuża din l-ittra-mudell biex tibgħat sinjal qawwi lill-kumpaniji li n-nies huma mħassbin tassew dwar is-sigurtà tal-prodotti li jixtru, u tinċentivahom biex imorru lilhinn mis-sustanzi perikolużi u jużaw jew jiżviluppaw alternattivi aktar siguri. Din għandha turi wkoll lir-regolaturi li l-pubbliku qed ikompli jkun imħasseb fuq is-sigurtà kimika – u tinkoraġġihom biex fil-futur itejbu d-dispożizzjonijiet ta' REACH.

3 | Cleaning up our Chemical Homes – Changing the Market to Supply Toxic-Free Products, Greenpeace, Frar 2007
http://www.greenpeace.org/raw/content/international/press/reports/chemical-home-company-progress.pdf



## KIMIĊI PERFLUWORINATI (PFCS)

użati biex isiru kisjiet li ma jwaħħlux mal-ħdejjed tal-mogħdija u mal-borom u għal mal-materjal tat-tgeżwir tal-fast food u l-popcorn tal-microwave kif ukoll bħala kisjiet ta' ripellant għat-tbajja' fit-twapet, drappijiet u żebgħa. Il-PFCs jippersistu fl-ambjent u jistgħu jakkumulaw fil-ħamrija u fit-tessuti tal-ġisem ta' l-annimali. Uħud minnhom huma tossiċi għall-annimali, jagħmlu ħsara fir-riproduzzjoni ta' l-invertebrati ta' l-ilma ħelu u fil-fwied tal-ħut u l-mammiferi. Jistgħu jżidu wkoll it-teħid u t-tossiċità ta' sustanzi kimiċi tossiċi oħra preżenti.

# ma jwaħħlux





l-istampa ewlenija: © AnnaMilkova
l-istampi iżgħar: © Tomasz Trojanowski | © Kameel4u

## REACH HI POTENZJALI GĦALL-PAJJIŻI MEDITERRANJI LI M'HUMIEX MEMBRI TA' L-UE

Sforz is-suċċess ta' REACH biex tilħaq l-għan li tiġġenera informazzjoni u tidentifika d-danni tas-sustanzi kimiċi għall-bnedmin u għall-ambjent, il-pajjiżi kollha tal-Mediterran, membri ta' l-UE u li m'humiex; żviluppati, li qed jiżviluppaw jew li għandhom l-ekonomija tagħhom fi tranżizzjoni, għandhom jibbenifikaw bl-istess mod. Madankollu jidher li hu importanti, b'mod speċjali għall-pajjiżi Mediterranji li m'humiex fl-UE, li jibnu fuq l-infrastruttura għall-immaniġġar ta' l-informazzjoni tas-sustanzi kimiċi li diġà teżisti biex ma jerġgħux jagħmlu xogħol li diġà sar jew jitilfu ż-żmien jittestjaw is-sustanzi kimiċi li diġà jkunu ġew ittestjati xi mkien ieħor. Ħafna minn din l-informazzjoni u mill-istruttura ta' l-immaniġġar ta' l-informazzjoni hi mistennija ssir aktar komprensiva, disponibbli, konsistenti u organizzata b'mod aħjar permezz ta' REACH. It-tlestija ta' dak skedat fil-qafas ta' l-EMP, taż-Żona Mediterranja tan-Negozju Ħieles, sas-sena 2010 hi mistennija li tgħin aktar, direttament u indirettament, l-oservazzjoni mill-qrib tad-dispożizzjonijiet ta' REACH mill-pajjiżi kollha.

REACH – flimkien mas-SAICM* - tista' tgħin lill-pajjiżi jew lir-reġjun joħolqu sistemi domestiċi għal immaniġġar tajjeb tas-sustanzi kimiċi, partikolarment lill-pajjiżi li bħalissa qegħdin fil-proċess ta' l-abbozzar ta' leġiżlazzjoni ġdida jew ta' reviżjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti fuq is-sustanzi kimiċi.

Għall-industriji li qed jiżdiedu fiċ-ċaqliq tagħhom mill-pajjiżi ta' l-UE għal oħrajn li m'humiex, (eż. tat-tessuti), regolamenti bħal REACH jistgħu saħansitra jipprovdu wkoll qafas informali għall-informazzjoni u inċentivi għal standards aħjar tas-saħħa fix-xogħol li jassiguraw lill-ħaddiema u jbiegħdu l-mard minħabba x-xogħol. Dan iseħħ dment li l-pajjiżi riċevituri jkunu konxji u lesti li jħarsu s-saħħa taċ-ċittadini u l-ambjent tagħhom.

Tabilħaqq, l-akkwist ta' l-immaniġġar sostenibbli tas-sustanzi kimiċi li jgħinna nippromwovu b'mod effikaċi s-sigurtà umana u s-saħħa ambjentali fit-tul, jiddependi ħafna minn skemi legali sodi, aktar milli volontarji. L-għaqdiet mhux governattivi (NGOs) tal-konsumaturi u ta' l-ambjent f'pajjiżi Mediterranji li m'humiex fl-UE u s-soċjetà ċivili in ġenerali jista' jkollhom irwol importanti f'dan il-kuntest, eż. billi jgħaddu l-interessi tal-pubbliku (lobbying) lill-gvernijiet u lill-parlamenti tagħhom u jitolbuhom biex ipoġġu fil-prattika sistemi aħjar, u jieħdu vantaġġ mill-aktar prattiċi tajbin li jistgħu joħorġu minn leġiżlazzjonijiet eżistenti bħal REACH.

*** L-Attitudni Strateġika għall-Immaniġġar Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi (SAICM), adottata fl-2006, hi qafas ta' politika internazzjonali biex tinkoraġġixxi l-immaniġġar tajjeb tas-sustanzi kimiċi u tgħin ħalli tintlaħaq il-mira miftiehma fis-Sammit Dinji ta' l-2002 fuq l-Iżvilupp Sostenibbli, li sar f'Johannesburg, biex ikun żgurat li sas-sena 2020, is-sustanzi kimiċi jkunu pprodotti u wżati b'modi li jnaqqsu l-impatti negattivi sinifikattivi fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem.**

REACH m'hix perfetta, imma xorta nistgħu nużawha biex inħajru l-kumpaniji ħalli jfittxu jneħħu s-sustanzi perikolużi mill-prodotti tal-konsumatur li tuża int kuljum; u nistgħu naħdmu wkoll biex intejbuha, sabiex eventwalment l-ebda sustanza perikoluża ma titħalla tintuża jekk ikun hemm alternattivi aktar siguri.

Kulħadd igawdi minn prodotti aktar siguri, b'mod speċjali l-ġenerazzjonijiet futuri – u l-ambjent.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF, ARA L-GWIDA 'NAVIGATING REACH: AN ACTIVIST'S GUIDE TO USING AND IMPROVING THE NEW EU CHEMICALS LEGISLATION,' MINN WWW.CHEMICALREACTION.ORG

# IBDEL IS-SUSTANZI KIMIĊI LI JAGĦMLU L-ĦSARA MA' ALTERNATTIVI AKTAR SIGURI ISSA!

Friends of the Earth Europe

European Environmental Bureau
Boulevard de Waterloo 34
1000 Bruxelles, Belgio
email: eeb@eeb.org
www.eeb.org/activities/chemicals/Index.htm

Friends of the Earth Europe
Rue Blanche 15
1050 Bruxelles, Belgio
email: info@foeeurope.org
www.foeeurope.org/safer_chemicals/Index.htm

Greenpeace International
Ottho Heldringstraat 5
1066 AZ Amsterdam, Paesi Bassi
email: supporter.services@int.greenpeace.org
www.greenpeace.org/international/campaigns/toxics

The European Consumers' Organisation
Bureau Européen des Unions
de Consommateurs
Avenue de Tervueren, 36
1040 Bruxelles, Belgio
email: consumers@beuc.eu
www.beuc.eu

Health & Environment Alliance
28 Boulevard Charlemagne
1000 Bruxelles, Belgio
email: info@env-health.org
www.env-health.org

International Chemical Secretariat
28 boulevard Charlemagne
1000 Bruxelles, Belgio
email: info@chemsec.org
www.chemsec.org

Women in Europe
for a Common Future
PO Box 13047
3507 LA, Utrecht, Paesi Bassi
email: wecf@wecf.org
www.wecf.org

WWF European Policy Office
36 Avenue de Tervuren, Box
12
1040 Bruxelles, Belgio
email: wwf-epo@wwfepo.org
www.panda.org/eu

Din il-pubblikazzjoni MIO-ECSDE hija traduzzjoni tal-manwal tar-Reazzjoni Kimika, "Leħni" (Awissu 2007): Madeleine Cobbing (awtur u editur) b'koperazzjoni ma' Sandra Jen, Mecki Naschke (EEB), Helen Perivier (Greenpeace International), Aleksandra Kordecka (FoEE), Dr Nadia Haiama (Greenpeace European Unit ), Dr Ninja Reineke (WWF), Justin Wilkes (WWF), Laura Degallaix (BEUC), Dr Lisette van Vliet(HEAL), Grazia Cioci (EEB). Editur responsabbli: John Hontelez.

Reazzjoni Kimika, proġett imtella minn Friends of the Earth, Greenpeace u European Environmental Bureau flimkien, bl-appoġġ finanzjarju tal-Fond Sigrid Rausing, tat permess lil MIO-ECSDE biex tittraduċi din il-pubblikazzjoni. Ir-responsabbiltà għal din it-traduzzjoni u t-tibdil fil-grafika ta' l-oriġinal hija f'idejn il-MIO-ECSDE.

---

MIO-ECSDE

Mediterranean Information Office for Environment, Culture and Sustainable Development
12, Kyrristou str. 10556 Athens, Greece email: info@mio-ecsde.org **www.mio-ecsde.org**

Llt-traduzzjoni mit-test oriġinali u paġna 11 huma kontribuzzjoni tal-MIO-ECSDE fil-qafas tal-proġett "REACHing a Sustainable Management of Chemicals in the Euro-Mediterranean Region", ko-finanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, DĠ Ambjent.
Għal iktar informazzjoni żur il-website: www.mio-ecsde.org
Kuntatt: Barbara Tomassini